

Brussell, 15 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13140/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0222(NLE)

WTO 284

PROPOSTA

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Ottubru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 469 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 469 final.

Mehmuż: COM(2019) 469 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.10.2019
COM(2019) 469 final

2019/0222 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) b'rabta mal-adozzjoni proposta tar-regoli tal-proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ ("il-Kumitat"), skont il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO ("il-Ftehim").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

Il-Ftehim, li l-UE hija parti fih¹, ġie adottat fid-Disa' Konferenza Ministerjali tad-WTO tal-Ministri f'Bali fl-2013 bl-għan li jkun hemm simplifikazzjoni, immodernizzar u faċilitazzjoni tal-proċessi ta' esportazzjoni u ta' importazzjoni fost il-membri tad-WTO. Fih dispożizzjonijiet dwar proċeduri fil-fruntiera mħaffa aktar, aktar trasparenti u aktar effiċjenti, kif ukoll dwar it-tħaffif taċ-ċaqliq, tar-rilaxx u tal-iżdoganar tal-merkanzija, inkluża merkanzija fi tranżitu u jistabbilixxi miżuri għall-kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet xierqa oħra dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-konformità doganali. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-22 ta' Frar 2017.

2.2. L-att previst tal-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija

L-Artikolu 23.1 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u jipprevedi li "l-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess". Għal dan l-għan, saret proposta mill-Ġappun, mill-Arġentina, min-Norveġja u mill-Paragwaj li rċeviet l-appoġġ sħiħ fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO fil-25 ta' Ġunju 2019. Ir-regoli proposti huma ta' natura amministrattiva u jaċċertaw l-organizzazzjoni u l-proċedimenti effiċjenti matul il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

Skont l-Artikolu IV.6 tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi d-WTO, ir-regoli ta' proċedura tal-korpi sussidjarji bħall-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ iridu jiġu approvati mill-Kunsill tad-WTO dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija sabiex jidħlu fis-seħħ.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Ir-regoli ta' proċedura huma ta' natura amministrattiva. Għandhom l-għan li jaċċertaw il-funzjonament effiċjenti tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ. Huwa fl-interess tal-UE li tadotta dawn ir-regoli li rċevew appoġġ sħiħ fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ sabiex il-Kumitat jaħdem kif suppost u jwettaq monitoraġġ b'mod effiċjenti tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ. Dawn ir-regoli huma bbażati fuq ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO² u jiġu aġġustati biss biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ. Pereżempju, ir-Regola 1 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ġenerali hija kkomplementata b'obbligu li l-Kumitat jiltaqa' tal-anqas darba fis-sena, li mhuwiex il-każ għall-Kunsill Ġenerali. Eżempju ieħor huwa li l-istedina għal-laqgħat preferibbilment għandha tinħareġ tliet ġimgħat qabel il-laqgħat sabiex it-tnejnija tal-pożizzjonijiet li xi drabi jistgħu jkunu kumplessi

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1947 tal-1 ta' Ottubru 2015 ĠU L 284; 30.10.2015 p. 1-2.

² Id-Dokument WT/L/161 of 25.7.1996 "Rules of procedure for sessions of the Ministerial Conference and meetings of the General Council (Regoli ta' proċedura għas-sessjonijiet tal-Konferenza Ministerjali u l-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali).

tiġi ffaċilitata, b'mod partikolari meta jkunu marbuta mal-ghajjnuna assoċjata mal-implimentazzjoni ta' ċerti impenji. Fil-Kunsill Ġenerali, il-laqgħat jistgħu jissejġu fi żmien qasir ħafna f'każ ta' urġenza u normalment fi żmien 10 ijiem tax-xogħol (ir-Regola 2).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”³.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ hija organizzazzjoni internazzjonali stabbilita mill-Ftehim ta’ Marrakesh li jstabbilixxi d-WTO. (“Il-Ftehim” tad-WTO). Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ ġie stabbilit bħala korp sussidjarju taħt l-awtorità tal-Kunsill dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija.

L-att li l-Kunsill dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija qiegħed jintalab jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Japprova biss ir-regoli għall-funzjonament tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(3) u (4) flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi meħuda pożizzjoni f’isem l-UE. Jekk l-Att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-kontenut u l-oġettiv ewlieni tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni. Għaldaqstant, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Mhux applikabbli.

2019/0222 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1947⁴ u daħal fis-seħħ fit-22 ta' Frar 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 23.1 tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ jista' jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (3) Skont l-Artikolu IV.6 tal-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija.
- (4) Huwa xieraq li fil-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, billi d-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Huwa xieraq li jkun hemm qbil mar-regoli ta' proċeduri proposti, li se jippermettu lill-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ jopera b'mod effiċjenti. Dawn huma bbażati fuq ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b'aġġustamenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ,

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1947 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kunsill dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, għandha tkun li l-adozzjoni tagħhom tiġi appoġġata, kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*